GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

27 ta' Settembru 2021

**Għeżież Ġenituri,**

Matul is-sena skolastika li għaddiet, saret ħidma kbira biex ftaħna l-iskejjel tagħna għat-tfal kollha u biex żammejnihom miftuħa. Irnexxielna nagħmlu dan grazzi għall-pariri tal-awtoritajiet tas-saħħa u għall-miżuri li introduċejna u li sostnejna. Kuntenti naqsmu magħkom il-fatt li matul l-aħħar term tas-sena skolastika li għaddiet ir-rata ta' attendenza telgħet għal 88.8%.

Ħloqna ambjent sigur għal kull min ikun fih. L-esperjenza wrietna li m'għadx hemm lok li l-ġenituri jkollhom l-għażla jekk jibagħtux 'l uliedhom l-iskola jew le u li l-attendenza tal-istudenti fl-iskola hija tant importanti li għal darb'oħra din għandha tkun obbligatorja.

Għaldaqstant, qed ninfurmawk li l-proċeduri kollha marbuta mal-attendenza obbligatorja skont il-liġi ser jerġgħu jidħlu fis-seħħ mill-ewwel jum tas-sena skolastika – nhar l-Erbgħa 29 ta' Settembru 2021. Il-proċeduri skont il-liġi ser ikunu qed jitħaddmu fil-konfront ta' dawk li jonqsu milli jibagħtu t-tfal l-iskola.

Infrakkru wkoll li kull darba li t-tfal ma jintbagħtux l-iskola, jkun hemm bżonn li jiġi ppreżentat ċertifikat mediku li jindika li jkunu tajbin biex jirritornaw lura l-iskola, anki jekk ikunu fallew biss jum wieħed. Jekk ikun hemm ħtieġa li t-tfal ifallu l-iskola għal raġuni valida, importanti li l-ġenituri javżaw lill-amministrazzjoni tal-iskola b'dan minn qabel. F'dan il-każ, skont il-każ, jista' ma jkunx hemm ħtieġa li jiġi ppreżentat ċertifikat mediku.

Filwaqt li nawgura sena skolastika ta' suċċess u mimlija tagħlim lit-tfal tagħkom,

Inselli għalikom,

**Emile Vassallo**
**Direttur Ġenerali**
**Direttorat għal Servizzi Edukattivi**

t + 356 2598 2404 e dg.des.educ@gov.mt | www.education.gov.mt